MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2015

Rikors Ta Revoka Numru. 120/2015

**Q P**

**vs**

**N D P**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors tas-sekwestrat Q P li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

Illi permezz ta' mandat ta' sekwestru, NDP talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra zewgha, fuq is-somma ta' mitejn u hamsin elf ewro (Eur 250,000), biex tikkawtela sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti;

Illi permezz tal-mandat odjern, ir-rikorrenti mhux biss qabdet il-kontijiet kollha, inkluz dak li fih tidhol il-paga tal-esponenti, izda anke inqabad kont kongunt li huwa ghandu ma' ohtu, liema kont, kif ben taf ir-rikorrenti huwa wiehed parafernali u certament ma jinkwadrax fil-komunjoni tal-akkwisti;

Illi kif inghad iktar 'il fuq, peress li l-paga tal-esponent tigi ddepozitata f'kont li huwa ssekwestrat huwa qed ikollu anke diffikultajiet biex jonora l-obbligi tieghu u jhallas il-manteniment minnu dovut ghall-ulied minuri. L-esponent jafli l-mnanteniment dejjem irid jigi onorat, madanakollu bl-agir taghha u bl-intavolar tal-mandat odjern, ir-rikorrenti gabitu dahru mal-hajt u dana stante li d-dhul tieghu llum huwa ssekwestrat, tant li huwa qed ikollu jdur fuq familjari biex ikun jista' jhallas il-manteniment ta’ uliedu;

Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet, konjugi P, ghandhom komunjoni tal-akkwisti rikka immens; bizzejjed jinghad illi huma ghandhom tliet propjetajiet, liema skont stimi tal-Perit tal-fiducja tal-esponent, ilahhqu l-valur ta' xejn inqas minn Eur 287,000 u dan oltre propjetajiet parafernali ohra li z-zewg partijiet ghandhom;

Illi ghaldaqstant, il-mandat odjern inhareg b'mod kapriccjus u vessatorju ghal-ahhar u dana stante li r-rikorrenti hija kkawtelata bizzejjed bil-propjeta immobbli li tappartjeni 1-komunjoni tal-akkwisti; liema l-esponent ma jistax imiss jew jitrasferixxi wahdu, minghajr il-firma ta' martu;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

a. Tordna r-revoka, in parte jew in toto, tal-irnsemmi mandat, u dan a tenur tal-Artikolu 836 (c) u (f) tal-Kodici tal-Proceduri u Organizzazzjoni Civili.

b. Tikkundanna lis-sekwestranta thallas penali ta' mhux anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezrnu (6,988.12) li jmorru ghand l-esponent stante li s-sekwestranta tafli hemm bizzejjed assi immobbli biex jaghmlu tajjeb ghall-pretensjonijiet taghha u dana ai termini tal-artikolu 836(8)(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. In difett li tilqa' l-ewwel zewg talbiet tal-esponenti, tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 838A tal-Kap.12 tal- Ligijiet ta' Malta u tordna lill-imsemmija NDP sabiex taghti, f'terminu qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tipprefiggi, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista tigi mposta u ta' danni u mghax u fin-nuqqas li tinghata garanzija fit-terminu ordnat tirrevoka u tnehhi 1-mandat premess;

Bir-riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponent skont il-ligi u bl-ispejjez ta' dina 1-procedura kontra NDP."

Rat ir-risposta tas-sekwestranti NDP li taqra kif gej:-

Illi din ir-risposta qeghda tigi prezentata ai termini ta' digriet moghti minn dina 1-Onorabbli Qorti datat 29 ta' Mejju 2015.

Illi l-esponenti tibda billi tirrimarka l-fatt li r-rikorrent donnu qieghed ghal darb'ohra jipprova jqarraq b'din l-Onorabbli Qorti billi indika li permezz tal-mandat ta' sekwestru numu 70/2015 intavolat mill-esponenti inqabdu kontijiet bankarji fejn tigi depozitata l-paga tieghu u b'hekk qieghed ikollu diffikultajiet biex jonora l-obbligi tieghu li jhallas il-manteniment minnu dovut ghall-uliedu minuri. M'huwiex minnu li r-rikorrent qieghed jithallas il-paga tieghu direttament fil-kont bankarju intestat fuq ismu izda qieghed jigi mhallas fi flus kontanti jew permezz ta' cekk. Dwar dan il-fatt ir-rikorrent ma premetta xejn fir-rikors odjern anzi bl-aktar mod azzard jghid li '.... d-dhul tieghu llum huwa ssekwestrat, tant li huwa qed ikollu jdur fuq familjari tieghu biex ikun jista' jhallas il-manteniment t'uliedu'. Huwa dizrispett totall li xi parti tindika lill-Qorti fatti li m'ghandhomx mis-sewwa u dan hu proprju ghaliex fl-ewwel lok ir-rikorrent m'hu jhallas ebda manteniment u fit-tieni lok l-esponenti kienet ferm kawta billi ma ndikatx lill-principal tar-rikorrent bhala sekwestratarju. Dan ifisser ghalhekk illi l-paga tar-rikorrent mhux verament hija ssekwestrata.

Illi huwa ferma interessanti kif permezz tar-rikors odjern gie premess li,

*'l-mandat odjem inhareg b'mod kapriccjus u vessatorju ghal-ahhar u dana stante li r-rikorrenti hija kkawtelata bizzejjed bil-propjeta' immobbli li tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti, liema l-esponenti ma jistax imiss jew jitrasferixxi wahdu, minghajr il-firma ta' martu',*

u fl-istess waqt pero r-rikorrent qisu bhal donnu nesa li fil-15 ta' Dicembru 2014 u cioe qabel ma gie intavolat il-mandat ta' sekwestru mertu ta' dan ir-rikors da parti tal-esponenti, gie intavolat mandat ta' sekwestru da parti tieghu kontra l-esponenti sabiex jikkawtela sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti

fl-istess somma ta' €250,000 li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u markata bhala Dok 'MVG 1'. Dan ifissier ghalhekk illi bl-aktar mod sfaccjat ir-rikorrent qieghed jghid li hu intavola l-mandat ta' sekwestru b'mod kapriccju u vessatroju. Dan hu proprju l-karattru tar-rikorrent li minn dejjem pretenda, anke waqt il-hajja mizzewwga taghhom, li 1-esponenti m'ghandhiex l-istess drittijiet illi ghandu hu. Illi dan mhux biss, talli filwaqt li r-rikorrent jaf ben tajjeb li r-rikorrent qed trabbi tlett ulied minghajr ebda ghajnuna da parti ta' missierhom billi qieghed jirrifjuta li jhallas il-manteniment, ghogbu jindika lit-Tezor u lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni bhala sekwestratarji sabiex id-dhul tal-esponenti jigi depozitata fir-registru tal-Qorti.

Illi dwar it-talbiet tar-rikorrent, tajjeb li ssir riferenza ghall-artikolu 829 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar kif permezz ta' mandat kawtelatorju wiehed jista' jqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tieghu. Dan l-artikolu jistipula li :-

*'Kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieq li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji hawn taht imsemmija, illi, wara li jigu mahruga minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodici, jigu mahruga u esegwiti taht ir-responsabbilta taghha.'*

Illi l-mandat ta' sekwestru mertu ta' dan ir-rikors kien u ghadu mehtieg mill-esponenti sabiex tqieghed fiz-zgur il-jeddiiiet kollha taghha.

Jigi rilevat li hemm distinzjoni bejn mandat ta' sekwestru intavolat fi proceduri gudizzjarji ta' separazzjoni u mandat ta' sekwestru intavolat fi kwalsiasi procedura gudizzjarja ohra u dan hu proprju ghaliex bejn il-mizzewwgin tezisti l-komunjoni tal-akkwisti. Dan ifisser ghalhekk illi l-kontijiet bankarji kollha intestati fisem ir-rikorrent u l-flejjes hemm depozitati, jappartejnu liz-zewg partijiet f’sehem ugwali bejniethom nonostante l-fatt li l-kontijiet bankarji jinsabu intestati fisem ir-rikorrent. Permezz tal-mandat ta' sekwestru mertu ta' dan ir-rikors, l-esponenti mhux biss qeghda tqieghed fiz-zgur il-jedd taghha li tithallas dak li bi dritt jappartjeni lilha wara l-pronunzjament tas-sentenza ta' separazzjoni personali taghha, izda qeghda wkoll tqieghed fiz-zgur il-jedd taghha li tippreserva l-kontijiet bankarji, u tkun konxja ta' x'inhu jsir bil-flejjes hemm depozitati fil-kontijiet bankarji intestati f'isem zewgha.

Illi ghalhekk, billi hawn gew sekwestrati flejjes u kontijiet bankarji li jappartjenu liz-zewg partijiet, kull sottomissjoni tar-rikorrent dwar it-talba tieghu bbazata fuq l-artikolu 836 (1) (c) u (f) hija insostenibbli u superfluwa billi anke jekk semmai fl-aghar ipotesi jirrizulta li hemm garanzija xierqa ohra jew li m'huwiex ragjonevoli li jinzamm fis-sehh dan l-att kawtelatorju, din it-taiba tar-rikorrent ma tistax tigi milqugha billi l-kontijiet bankarji u l-flejjes li gew depozitati jew ser jigu depozitati f’dawn il-kontijiet tar-rikorrent, jappartjenu liz-zewg partijiet.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u qabel mal-esponenti tissottometti dwar 1-artikolu 836 subinciz (c) u (f) li fuqhom gie msejjes dan ir-rikors, issir riferenza ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti diverasment presjeduta fis-sentenza tad-9 ta' Dicembru 2014, fl-atti tar-rikors ta' revoka numru 1/2014 fl-ismijiet Robert Cassar vs Jael Cassar, fejn inghad hekk :-

*' fid-determinzazzjoni ta' din l-istanza, il-Qorti m'hiex ser tippronunzja ruhha dwar il-fondatezza o meno tal-pretensjonijiet tas-sekwestranti kif fuq riprodotti.*

*Id-dover tal-Qorti f'rikorsi simili huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan 1-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza u mhux tal-prezenti decizjoni. '*

Illi wkoll fis-sentenza deciza fit-12 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet Romina Bugeja vs Emmanuel Bugeja (Rikors ta' Revoka Numru 219/2014) waqt li saret riferenza wkoll ghal sentenzi ohra, din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta gie ritenut li :-

*'Ikkunsidrat illi doveruz ghall-Qorti tirrimarka illi, f'materja ta' mandati kawtelatorji, l-ezami li jehtieg isir minn din il-Qorti huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, bl-iskrutinju profond fil-mertu jibqa' rizervat esklussivament ghal dik il-Qorti li tigi adita bil-kawza.*

Fis-sentenza Cole Foods Limited vs Euro lmports Limited, Qorti Civili Prim'Awla (13 ta' Marzu 2009) gie ritenut illi:

*"F'dawn il-proceduri, din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-meritu tal- pretensjonijiet tal-partijiet, izda trid tara biss jekk, prima facie, is-socjeta' intimata kienitx gustifikata tikkawtela l-pretensjoni taghha."*

Il-Qorti tenfasizza inoltre li hija ma tistax leggerment ixxejjen id-dritt ta' pretiz kreditur li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi. Tenfasizza wara kollox illi kull mandat johrog fuq ir-responsabbilita ta' min hargu, u li jkun ikkonferma l-pretensjoni tieghu bil-gurament. Fil-kaz in ezami l-partijiet bdew proceduri ghall-firda personali u fic-cirkostanzi, il-mara ghandha dritt tittenta tikkawtela l-jeddijiet taghha.

Fid-decizjoni "Visa lnvestments Limited vs Blye Engineering Co. Ud" gie ritenut illi:

*"Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser timexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispefta biss iii dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu. "*

Illi l-esponenti kellha kull interess li tintavola l-mandat mertu ta' dan ir-rikors, u dan hu aktar fid-dawl tal-fatt illi kif ser jigi spjegat aktar il-quddiem f'din ir-risposta, r-rikorrent dejjem zamm mistur kull kont bankarju tieghu u d-dhul mill-kirjiet ta' proprjeta' parafernali tieghu.

Illi fil-mertu din it-taiba tar-rikorrent qeghda tigi msejsa fuq l-artikolu 836 (1) (c) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula hekk :-

*836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor tent dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawta, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawta li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wanda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni;*

*(f) jekk jintwera li fic-citkostenzi ma jkunx ragonevoli li jintamm fis-sehh 1-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

A. L-Artikolu 836 (1) (e) - Garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa 1-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni.

Illi r-rikorrent jippremetti fir-rikors odjern li hemm assi x'jaghmlu tajjeb ghal pretensjonijiet tal-esponenti fis-somma ta' €250,000 indikata minnha fil-mandat ta' sekwestru mertu ta' dan ir-rikors, u cioe ' l-fond matrimonjali, art li tinsab fi Triq 1-Imqades, Mgarr u proprjeta' ohra li tinsab fil-Wied taz-Zebbiegh, Mgarr.

Illi hemm diversi fatturi li jgibu fix-xejn dak sottomess mir-rikorrent f'dan ir-rigward

i. ir-rikorrenti fl-ebda hin ma jippremetti li l-komunjoni tal-akkwisti hija biss konsisteni fit-tlett proprjetajiet indikati minnu jew li sehem l-esponenti huwa fl-ammont ta' nofs il-valur taghhom, anzi jghid illi l-partijiet ghandhom komunjoni tal-akkwisti rikka hafna. Ir-rikorrent zamm il-boghod milli jgiba konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti u allura dan huwa indikattiv li r-rikorrent iggenera assi ohra li matul il-hajja mizzewwga ta' bejn il-partijiet zamm mistur mill-esponenti.

ii. illi matul il-hajja mizzewwga kienet l-esponenti li ghamlet tajjeb ghall-maggor parti tal-bzonnijiet tal-famlija filwaqt li r-rikorrent dejjem rekken kull centezmu li ppecepixxa, u minn dejjem irrifjuta li jgharraf lill-martu 1-esponenti dwar il-konsistenza tal-kontijiet bankarji tieghu. Skont hu dawn jappartjenu lilu biss billi kull centezmu li gie depozitat f'dawn il-kontijiet bankarji gejjin mill-impjieg tieghu u/jew mill-kirjiet parafernali tieghu. Il-partijiet izzewwgu fil-15 ta' Awissu tas-sena 1998 u d-dhul tar-rikorrent hu fis-somma ta' €1,400 (net pay) mill-impjieg tieghu kif ukoll minn ta' lanqas is-somma ta' €456 (li taf bihom l-esponenti) minn kirjiet ta' fondi parafernali.

iii. illi minkejja li r-rikorrent dejjem zamm il-boghod minn martu din l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji, ricentement l-esponenti saret taf li sa ftit tax-xhur ilu f'kont bankarju intestat f'isem zewgha, kellu investiment fis-somma ta' aktar minn €60,000.

iv. illi wkoll ghandu jinghad li l-istima tal-perit ta' fiducja tar-rikorrent m'hijiex realistika. Biss biss jinghad illi l-proprjeta' li gie valutata minnu fis-somma ta' €55,000, skont l-agenzija Remax din l-art ghandha l-valur ta' bejn €8,000 u €10,000 - dok 'MSV 2' anness.

v. illi dan ir-rikors m'huwiex jigi bbazat fuq l-artikolu 836 subinciz (d) u allura r-rikorrent jaqbel li s-somma ta' €250,000 m'hijiex eccessiva. Mill-banda 'l ohra jekk wiehed ikollu jistrieh fuq l-istimi tal-perit ta' fiducja tar-rikorrent li l-valur ta' din il-proprjeta' jammonta ghal €287,000, allura bl-argument tar-rikorrent sehmu hu ta' €143,500 li dan lanqas m'hu sufficcjenti sabiex jissodisfa l-pretensjoni tal-esponenti fis-somma ta' €250,000.

vi. illi mbaghad bhala konferma li l-propreta' indikata mir-rikorrent qatt ma tista' tigi meqjusa bhala garanzija xierqa, l-esponenti taghmel riferenza ghall-mandat ta' sekwestru intavolat mir-rikorrent li gie anness ma' din ir-risposta u markat bhala dok 'MVG l' minn fejn jirrizulta li l-istess rikorrent indika wkoll is-sehem tieghu mill-komunjoni tal-akkwisti fis-somma ta' €250,000.

vii. illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied Edin, Myra u Hugh li ghandhom tlettax-il sena, hdax-il sena u tmien snin rispettivament. Ir-rikorrent qieghed jirrifjuta milli jhallas manteniment versu l-bzonnijiet ta' uliedu minuri minkejja l-ordni ta' din il-Qorti fl-ammont ta' €600 kull xahar. Il-manteniment likwidat sakemm il-minuri jaghlqu l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena f'kaz illi jibqghu jistudjaw jammonta ghal aktar minn €90,000.

viii. illi fi kwalunkwe kaz, u fl-eventwalita' li l-proprejta' tal-partijiet tista' b'xi mod jew iehor titqies bhala garazija xierqa biex tissodisfa l-pretensjonijiet tal-esponenti, xorta wahda jibqa' l-fatt li

fl-eventwalita' li din il-Qorti fil-pronunzjament tas-sentenza ta' separazzjoni tiddikjara li l-esponenti ghandha tircievi xi flus mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, l-esponenti ghandha d-dritt li tithallas minn dak li gie jew ser jigi jigi depozitat fir-registru tal-Qorti, u b'hekk ma jkunx mehtieg illi titlob lill-Qorti sabiex il-proprejta' in komuni tinbiegh b'subbasta.

ix. illi wkoll minkejja l-fatt li t-tlett proprjeta' indikati mir-rikorrent li skont hu jistghu jservu bhala garanzija ghall-pretensjoni tal-esponenti jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, mhux necessarjament li dawn jigu divizi f'sehem ugwali bejn il-partijiet. F'kawza ta' separazzjoni, l-assi appartinenti l-komunjoni tal-akkwisti mhux necessarjament jigu divizi b'mod ugwali bejn il-partijiet, izda l-qasma tigi determinata mill-gudikant wara li ssir evalwazzjoni tal-provi kollha prodotti fil-kawza, inkluz fost ohrajn dwar min mill-partijiet huwa hati ghat-tifrik taz-zwieg u d-data li fiha dik il-parti tkun hekk giet meqjusa hatja tal-firda taghha minn mal-parti 'l ohra.

x. illi oltre dan, m'huwiex lanqas eskluz il-fatt li din l-Onorabbli Qorti, fi proceduri ta' separazzjoni tista' tawtorizza lil xi parti d-dritt ta' abitazzjoni fil-fond matrimonjali ad eskluzzjoni tal-parti l-ohra. Kif inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, per Onor. lmhallef Lorraine Schembri Orland fis-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2014, (Rikors ta' Revoka Numru 203/2014, Rikors fl-Atti ghar-Revoka ta' Mandat numru 232/14LSO) fl-ismijiet Doris Sant vs Alfred Sant:-

Lanqas fil-fehma tal-Qorti m'hu applikabbli l-artikolu 836(1)(e) billi, kif gja inghad, nofs l-ammonti sekwestrati m'humiex bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-ammont shih ikkawtelat lanqas jista' r-rikorrent, jinvoka l-valur tad-dar matrimonjali bhala garanzija adegwata alternattiva. Din id-dar attwalment hija r-residenza tal-omm u tal-bint u jispetta lill-Qorti kompetenti fil-kaz tas-separazzjoni personali biex tiddetermina definittivament x'ser isir minn din id-dar.

Illi ghalhekk b'dan sottomess il-proprjeta' indikata mir-rikorrent ma tistax titqies bhala garanzija li tissodisfa l-pretensjonijiet tal-esponenti.

Artikolu 836 (1) (f) - Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Illi tajjeb li jingieb a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fatturi ohra li juru min hu verament ir-rikorrent li minn dejjem gab il-flus l-ewwel u qabel kollox. Hekk kif ir-rikorrent Q P sar jaf li ser jigu inizjati proceduri ta' separazzjoni, l-ewwel haga li ghamel minflok prova jsalva z-zwieg, jidher illi zbanka ammonti sostanzjali ta' flus li kienu jinsabu depozitati fil-kontijiet bankarji intestati fuq ismu personalment. Qieghed jinghad dan ghaliex sal-lum ghadhom ma gewx depozitati flejjes mis-sekwestratarji fir-registru tal-Qorti ghajr ghall-ammonti zghar u dan meta l-esponenti taf li r-rikorrent fkont bankarju minnhom kellu investiment ta' aktar minn €60,000.

Illi dwar il-kont bankarju intestat fisem ir-rikorrent hu ohtu, l-ewwel u qabel kollox jigi rimarkat il-fatt li ghal xi raguni jew ohra filwaqt li hu jindika li dan il-kont huwa wiehed parafernali, ghogbu jesebixxi statement tas-sena 2008 izda mhux l-ahhar statement ricevut minnu jew statement iehor li jmur qabel id-data taz-zwieg ta' bejn il-partijiet (u cioe` qabel is-sena 1998). Fit-tieni lok, il-fatt li r-rikorrent jippremetti li dan il-kont bankarju huwa wiehed parafernali u ma jinkwadrax fil-komunjoni tal-akkwisti ftit li xejn ghandu rilevanza ai fini tal-mandat ta' sekwestru mertu ta' dan ir-rikors, billi jekk l-esponenti ghandha xi pretensjonijiet, hija ghandha d-dritt li tikkawtela l-pretensjonijiet taghha fuq l-assi kollha tar-rikorrent. Mill-banda l-ohra, dwar il-kwistjoni li l-kont bankarju huwa intestat ukoll f’isem ohtu, u b'hekk allura skont hu dan il-kont bankarju m'huwiex proprjeta' tieghu biss, it-taiba ghar-rilaxx kellha ssir minn ohtu stess izda mhux mir-rikorrent.

Dwar it-talba sabiex l-esponenti tigi kundannata thallas penali ai termini tal-artikolu 836 (8) (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet Zarb vs Port Cottonera Ltd deciza fit-18 ta' Settembru 2002 :

*"Biex persuna li talba il-hrug ta' mandat kawtelatarju jinsab responsabbli ghall-hlas tal-penali, trid tirrizulta xi wahda jew aktar mill-ipotesijiet kontemplati fl-artikolu 836(8) tal-istess Kap. 12, filwaqt li biex jinstab responsabbli ghad-danni, ghalkemm ic-cirkustanzi mhux limitati ghal dak provdut fl-artikolu 836(8), cirkustanzi ohra jridu johorgu mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap. 16, b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus paterfamilias. "*

Fil-kaz odjern, ma tirrizulta l-ebda ipotesi kontemplata fl-artikolu 836(8) tal-istess Kap. 12, u lanqas cirkostanzi ohra li johorgu mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap.16.

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, jirrizulta li l-att kawtelatorju kien necessarju u mehtieg, dan hu aktar fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent zbanka flejjes mill-kontijiet bankarji tieghu appartinenti l-komunjoni tal-akkwisti.

Dwar it-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12.

Illi dwar dan l-esponenti taghmel biss riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, per Onor. lmhallef Lorraine Schembri Orland fis-seduta tal-14 ta' Ottubru,

2014, (Rikors ta' Revoka Numru 203/2014, Rikors fl-Atti ghar-Revoka ta' Mandat numru 232/14LSO) fl-ismijiet Doris Sant vs Alfred Sant fejn inghad hekk :-

*Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-ghoti tal-garanzija huwa alternattiv ghat-talba tat-thassir tal-Mandat, u anzi jista' jingnata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod ghadu fis-sehh', li kieku ma kienx hekk, l-ahhar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddahhlu fil-ligi gnalxejn;*

*Illi minbarra dan il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawta gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt webdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni;*

*Illi nghad ukoll li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha ragunijiet tajba biex tohrog Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eccessiv, la fieragh u lanqas vessatorju, ghaldaqstant ma jitnisslux ragunijiet la ghall-kundanna ghall-hlas ta' penali u lanqas ghad-danni minhabba l-istess Mandat;*

Illi l-Qorti tasal ghall-fehma li f'dan il-kaz ma ntwera li hemm l-ebda raguni gusta li twassalha biex torbot lill-ezekutanti Doris Sant biex ressaq il-garanzija mitluba mir-rikorrent ezekutat.

Illi fid-dawl ta’ dawn il-fatti dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.”

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta’ Lulju 2015.

Rat l-atti.

Rat li r-rikors thalla ghad-decizjoni.

Ikkunsidrat.

Permezz tal-mandat numru 70/2015 NDP ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra zewgha ghas-somma ta' mitejn u hamsin elf ewro (€250,000) in kawtela ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti wara li zewgha ottjena il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 313/14 ghas-somma ta' mitejn u hamsin elf ewro (€250,000) in kawtela ta' sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti.

Dawn is-sekwestri kawtelatorji gew mahruga fl-isfond ta' kawza ta' separazzjoni pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta bejn iz-zewg partijiet.

Fit-talba ghar-revoka tal-mandat mahrug kontra tieghu r-rikorrent qed jinvoka **l-Artikolu 836 (1) (c ) u (f) tal-Kap. 12** li jipprovdu kif gej:-

**" Artikolu 836.**

**(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:**

**- omissis -**

**(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew**

**- omissis -**

**(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli**.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Procedura Sommarja**.

In tema legali ghandu jinghad illi gie kostantement ritenut fil-gurisprudenza nostrana illi fl-azzjonijiet imsejsa fuq l-Artikolu 836 il-Qorti ghandha toqghod strettament mal-parametri dettati mis-sub incizi ta' dan l-artikolu u tevalwa l-provi fuq livell ta' *prima facie* stante li dawn huma proceduri sommarji intizi sabiex jindirizzaw b'heffa sitwazzjonijiet li ghad-decizjoni taghhom ma jehtiegx approfondiment tal-mertu tal-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet.

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fid-decizzjoni fl-ismijiet "**Stephen Tanti et. vs Louis Scerri Montaldo et**."[1] dwar talba ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju:

"Fir-rigward tal-proceduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba ghamlitha cara illi hija b'ebda mod ma ghandha tidhol fil-fond tal-vertenza ghaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati taghna l-procedura mahsuba fl-Artikolu 836 ghandha tkun wahda sommarja u l-ezami taghha ghandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Camilleri v. Gove et** deciza fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem; "mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f' dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja" (ara wkoll is-sentenza fil-kawza **Emanuel Sammut v. Josephine Sammut** deciza fil-5 ta' Gunju 2003)."

Fi proceduri ohra ghal revoka ta' mandat kawtelatorju gie dikjarat illi "……..dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina *prima facie* jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza." (Prima' Awla – **Doris Sant vs Alfred Sant** – 14.10.14) (Ara wkoll : "**P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited**" – PA - 10 ta' Mejju 2001; u "**Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd**" - PA - 7 ta' Frar 2001).

[1] 27.03.2015

Fermi l-konsiderazzjonijiet generali fir-rigward tal-Artikolu applikabbli ghall-procedura odjerna, l-Qorti ser issa tghaddi sabiex tikkonsidra iz-zewg sub-incizi li ai termini taghhom ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

**Artikolu 836 (1) (c )**.

**Garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni.**

Ir-rikorrent jikkontendi illi l-intimata ma kelliex titlob il-hrug ta' mandat kawtelatorju ghas-somma ta' €250,000 peress li jirritjeni li tezisti garanzija ohra ghall-pretensjonijiet taghha fir-rigward ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Huwa jiddeskrivi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet bhala "rikka immens" u jipprezenta tlett certifikati rilaxxjati minn perit arkitett minnu inkarigat fejn gie stmat illi tlett proprjetaijiet immobbli formanti parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti komplessivament ghandhom valur ta' mitejn u sebgha u tmenin elf ewro (€287,000).

Jibda sabiex jinghad illi una volta dawn it-tlett proprjetajiet jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti, huwa prezunt li nofshom jappartjenu lill-intimata. *Dato ma non concesso* li l-valur taghhom huwa dak pretiz mir-rikorrent sekwestrat, valur kontestat mill-intimata sekwestranti, huwa evidenti illi dawn il-proprjetajiet wahedhom ma jipprovdux "garanzija xierqa" ghall-ammont li s-sekwestranti trid tikkawtela.

Kif gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet "**Mary Rose Carbonaro vs Jesmond Carbonaro**" (Familja – 06.08.2014) sabiex propjreta' immobbli titqies li toffri garanzija xierqa fit-termini tal-Artkolu 836 jehtieg illi r-rikorrent jipprova sodisfacentement li l-immobbli offrut huwa "….ġid disponibbli u realiżżabbli biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tal-istess eżekutanti u li ma hemmx fuqha djun jew piżijiet li jagħtu preferenza għal terzi."

Apparti li kif *supra* osservat il-valur moghti mill-perit tal-fiducja tar-rikorrent ma hux bizzejjed sabiex jikkawtela l-ammont indikat fis-sekwestru kawtelatorju, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova dwar jekk tali proprjetajiet humiex kolpiti minn djun jew pizijiet li jaghtu preferenza lil terzi. Konsiderazzjoni ohra hi illi anke jekk ghas-sahha tal-argument proprjeta' immobiljari llum tista' tkun hielsa minn kull dejn jew pis, ma hux eskluz li tali proprjeta' tista' tigi hekk kolpita fil-futur fuq azzjoni ta' terzi fil-mori tal-kawza ta' separazzjoni minghajr ma l-kreditu jkun jista' jiehu xi forma ta' azzjoni sabiex jikkawtela l-posizzjoni tieghu fir-rigward ta' tali proprjeta'. Dan qed jinghad ghaliex il-Qorti m'ghandiex il-poter li bis-sahha tal-Artikolu in dizamina tipprojbixxi terzi in bona fede minn, ezempju

jiskrivu fuq proprjeta' ipoteki in kawtela ta' krediti taghhom li jkunu gew kanonizzati. Il-fatt li lanqas il-valur pretiz mir-rikorrent ta' sehemu mill-propjreta' ma jissupera l-ammont pretiz fis-sekwestru jkomplu jdghajjfu l-posizzjoni tar-rikorrent fir-rigward.

Anke l-fatt li kien l-istess rikorrent li aktar qabel talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra martu ghas-somma ta' €250,000 in kawtela ta' sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti jimmilita bil-bosta kontra l-pretensjoni issa minnu avanzata illi l-proprjeta' immobbli appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti toffri "garanzija xierqa" ghall-pretensjoni ta' martu, identika ghal dik tieghu. Ma ta l-ebda spjegazzjoni r-rikorrent kif il-proprjeta' immobbli appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet toffri garanzija xierqa ghall-pretensjonijiet ta' martu izda ma toffriex garanzija xierqa ghall-pretensjonijiet simili tieghu.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi fuq din il-kawzali ir-rikorrent ma weriex raguni tajba sabiex il-Qorti tirrevoka l-mandat.

**Ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli**.

Dan is-sub inciz huwa applikabbli meta wara l-hrug ta' mandat kawtelatorju jissuccedu cirkostanzi illi jkunu jiggustifikaw ir-revoka in toto jew in parte tal-mandat. Gie dikjarat illi din id-disposizzjoni tal-ligi taht ezami

"….timplika li, wara l-ħrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar meħtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-ħrug u z-zamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-kaz" (Provvediment mogthti mill-Prim' Awla fl-10 ta` Awissu 2012 fl-atti tal-kawza "**Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)** iccitat b'approvazzjoni fi provvediment moghtija mill-Prim' Awla fl-24 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet "**Av. Dr Tonio Fenech et noe vs Av. Dr Patrick Spiteri pro et noe"**.

Din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza appena citata. Applikata tali gurisprudenza ghall-kaz in ezami, jirrizulta mill-atti illi ghalkemm ir-rikorrenti jinvoka l-Artikolu 836 (1) (f), ma ressaq l-ebda kawzali fir-rigward u lanqas saret referenza ghal xi cirkostanzi godda la fir-rikors promotur u lanqas waqt it-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi anke fir-rigward tat-talba tar-rikorrent imsejsa fuq l-Art. 836 (1) (f) r-rikorrent ma ressaqx ragunijiet tajba sabiex jigi applikat fil-kaz odjern.

**Hlas tal-Penali**.

Fit-tieni talba tieghu r-rikorrent qed jitlob il-hlas ta' penali ai termini tal-**Artikolu 836 (8) (c ) tal-Kap. 12** li jipprovdi illi:-

"(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:

- omissis -

(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew; "

Huwa evidenti illi sabiex il-Qorti tapplika id-dispozittiv tas-sub inciz (8) (c ) irid qabel xejn jirrizulta illi r-rikorrent ikun gustifikat jitlob ir-revoka tal-mandat. Tenut kont illi kif rajna t-talbiet tar-rikorrent ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma humiex gustifikati, it-talba ghall-hlas tal-penali hija nieqsa minn fondament legali.

Ghaldaqstant din it-talba qed tigi respinta.

**Garanzija ghall-Hlas tal-Penali**.

Fit-tielet talba tieghu r-rikorrent qed jitlob illi fl-eventwalita' li l-ewwel zewg talbiet tieghu jigu michuda, kif fil-fatt qed jigu, il-Qorti ghandha tapplika kontra l-intimata id-dispozittiv tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12

**Artikolu 838A. tal-Kap. 12** jipprovdi illi:-

"Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju".

Ladarba r-rikorrent invoka dan l-artikolu kien oneruz fuqu jipprova sodisfacentement li ghandu "kawza gusta" sabiex il-Qorti tikkundanna lis-sekwestranti tipprovdi "garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali…. ta' danni u imghax".

Huwa evidenti minn qari tal-artikolu in dizamina illi ordni tal-Qorti bis-sahha tal-Artikolu 838A hija wahda fakoltativa' li l-Qorti taghti skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Inoltre garanzija ordnata bis-sahha ta' dan l-artikolu jehtieg li tigi kwantifikata. Kien ghalhekk jinkombi fuq ir-rikorrent illi jipprova mhux biss li ghandu "kawza gusta', li m'ghamilx, izda wkoll jikwantifika d-danni u l-imghax li skond hu ser isofri ingustament bil-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo.

Kif gie ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-provvediment fl-ismijiet "**Rebecca Tiscio vs Robert Tiscio**" moghti fil-21 ta' April 2014 fl-atti ta' rikors ghar-revoka ta' mandat:-

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat taħt l-artikolu 836(1), u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn. Il-Qorti ma jidhrilhiex li t-talba taħt l-artikolu 838A hija tajba biex tagħmel tajjeb għal meta ma tintlaqax talba taħt l-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni minħabba l-istess Mandat;"

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-interpretazzjoni appena ccitata tal-Artkkolu 838A tal-Kap. 12. Il-hrug ta' mandat kawtelatorju ma hux wahdu raguni ghall-ghoti ta' ordni bis-sahha ta' dan l-artikolu. Sabiex tkun tissussisti "kawza gusta" irid fuq livell *prima facie* jirrizzulta illi l-mandat kawtelatorju jkun qed jikkaguna danni u imghax kwantifikabbli u li jekk il-Qorti ma tohrogx ordni taht l-Artikolu 838A, il-persuna li kontra taghha jkun inhareg il-mandat tkun ser titqieghed fi zvantagg sproporzjonat partikolarment sabiex eventwalment tirkupra l-penali,danni u imghax li ghalihom tista' tkun eventwalment intitolata.

Hija l-fehma tal-Qorti illi r-rikorrent ma ppruvax sodisfacentement li tezisti kawza gusta ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet kollha mressqa mis-sekwestrat Q P.

L-ispejjez ta' dan il-provvediment jibqghu rizervati ghas-sentenza finali.

## < Digriet >

--------------------------------TMIEM--------------------------------